Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►M1 **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1255/2010**

tat-22 ta' Diċembru 2010

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti "baby beef" li joriġinaw fil-Bosnja-Ħerzegovina, fil-Kroazja, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro, fis-Serbja u fil-Kosovo ([1]) ◄

(ĠU L 342, 28.12.2010, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 374/2012 tas-26 ta' April 2012	L 118	1	3.5.2012

([1]) Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.

▼B

▼M1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1255/2010

tat-22 ta' Diċembru 2010

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti "baby beef" li joriġinaw fil-Bosnja-Ħerzegovina, fil-Kroazja, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro, fis-Serbja u fil-Kosovo ([1])

▼B

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament dwar l-OKS Waħdieni) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 144(1) u l-Artikolu 148, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-oħra, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2005/40/KE, Euratom ([3]), il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2004/239/KE, Euratom ([4]), il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro min-naħa l-oħra approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2010/224/UE, Euratom ([5]), il-Ftehim Provviżorju [Interim] mal-Bosnja-Ħerżegovina, approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/474/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Temporanju [Interim] dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa ([6]), u l-Bosnja-Ħerżegovina, min-naħa l-oħra, u l-Ftehim Provviżorju [Interim] mar-Repubblika tas-Serbja, approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/36/KE tad-29 ta' April 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim Provviżorju [Interim] dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u s-Serbja, min-naħa l-oħra ([7]), jistabbilixxu kwoti tariffarji annwali preferenzjali ta' 9 400 tunnellata, 1 650 tunnellata, 800 tunnellata, 1 500 tunnellata u 8 700 tunnellata rispettivament għal "baby beef".

([1]) Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.
([2]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 26, 28.1.2005, p. 1.
([4]) ĠU L 84, 20.3.2004, p. 1.
([5]) ĠU L 108, 29.4.2010, p. 1.
([6]) ĠU L 169, 30.6.2008, p. 10.
([7]) ĠU L 28, 30.1.2010, p. 1.

▼B

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2248/2001 tad-19 ta' Novembru 2001 dwar ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjonu u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, għall-parti waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, għall-parti l-oħra, u għall-applikazzjoni tal-Ftehim Temporanju [Interim] bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja ([1]) u l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 153/2002 tal-21 ta' Jannar 2002 fuq ċerti proċeduri għall-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri, fuq naħa, u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq l-oħra, u għall-applikazzjoni tal-Ftehim Provviżorju [Interim] bejn il-Komunità Ewropea u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ([2]) jistipulaw li għandhom ikunu stabbiliti regoli dettaljati għall-implementazzjoni ta' konċessjonijiet tal-"baby beef".

(3) Sabiex tkun ivverifikata l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-kwoti, l-importazzjonjiet taħt il-kwoti għall-"baby beef" għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' awtenticità li jixhed li l-oġġetti joriġinaw mill-pajjiż tal-ħruġ u li jikkorrispondu eżattament mad-definizzjoni stabbilita fil-ftehim rispettiv. Għandu wkoll jiġi stabbilit mudell għaċ-ċertifikati tal-awtenticità u għandhom jiġu stipulati regoli dettaljati għall-użu tagħhom.

(4) Il-kwoti konċernati għandhom jiġu ġestiti permezz tal-użu ta' liċenzji tal-importazzjoni. Għal dan il-għan, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([3]), u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 382/2008 tal-21 ta' April 2008 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella ([4]) għandhom ikunu applikabbli, soġġetti għal dan ir-Regolament.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni ([5]), jistipula b'mod partikolari dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni, l-istatus tal-applikanti, il-ħruġ tal-liċenzji u n-notifiki mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Dak ir-Regolament jillimita l-perjodu ta' validità tal-liċenziji sal-aħħar ġurnata tal-perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 għandhom japplikaw għal liċenzji tal-importazzjoni maħruġa skont dan ir-Regolament, bla ħsara għall-kundizzjonijiet addizzjonali jew id-derogi stipulati f'dan ir-Regolament.

(6) Sabiex tkun żgurata l-ġestjoni tajba tal-importazzjoni tal-prodotti konċernati, il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu soġġetti għal verifikazzjoni, partikolarment l-annotazzjonijiet fiċ-ċertifikati tal-awtenticità.

([1]) ĠU L 304, 21.11.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 25, 29.1.2002, p. 16.
([3]) ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.
([4]) ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10.
([5]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

▼B

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwoti tariffarji li ġejjin b'dan huma miftuħa annwalment għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru:

(a) 9 400 tunnellata "baby beef", espressi bħala l-piż tal-karkassi, li joriġinaw fil-Kroazja;

(b) 1 500 tunnellata "baby beef", espressi bħala l-piż tal-karkassi, li joriġinaw fil-Bosnja-Ħerżegovina;

(c) 1 650 tunnellata "baby beef", espressi bħala l-piż tal-karkassi, li joriġinaw f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

(d) 8 700 tunnellata "baby beef", espressi bħala l-piż tal-karkassi, li joriġinaw fis-Serbja;

(e) 800 tunnellata "baby beef", espressi bħala l-piż tal-karkassi, li joriġinaw fil-Montenegro;

▼M1

(f) 475 tunnellata ta' "baby beef", espressi bħala l-piż tal-karkassi, li oriġinaw fit-territorji doganali tal-Kosovo ([1]).

Il-kwoti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkollhom in-numri tal-ordni 09.4503, 09.4504, 09.4505, 09.4198, 09.4199 u 09.4200 rispettivament.

▼B

Għall-finijiet tal-allokazzjoni ta' dawk il-kwoti, 100 kilogramma ta' piż ħaj għandhom ikunu ekwivalenti għal 50 kilogramma tal-piż tal-karkassi.

2. Id-dazju doganali applikabbli skont il-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun 20 % tad-dazju *ad valorem* u 20 % tad-dazju speċifiku kif stabbilit fit-Tariffa Doganali Komuni.

3. L-importazzjoni permezz tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun irriservata għal ċerti annimali ħajjin u ċertu laħam li jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM li ġejjin, imsemmija fl-Anness III għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni konkluż mal-Kroazja, fl-Anness III għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni konkluż ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fl-Anness II għall-Ftehim Interim mal-Bosnja-Ħerżegovina u fl-Anness II għall-Ftehim Interim mas-Serbja:

— ex 0102 90 51, ex 0102 90 59, ex 0102 90 71 u ex 0102 90 79,

— ex 0201 10 00 u ex 0201 20 20,

— ex 0201 20 30,

— ex 0201 20 50.

Artikolu 2

Għandhom japplikaw il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 u r-Regolamenti (KE) Nru 376/2008 u (KE) Nru 382/2008, sakemm mhux stipulat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

([1]) Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.

▼B

Artikolu 3

1. It-taqsima 8 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-liċenzji tal-importazzjoni għandhom juru l-pajjiż tal-oriġini, u l-kelma "iva" għandha tkun ingassata b'salib. Il-liċenzji għandhom ikunu soġġetti għall-obbligu li l-importazzjoni ssir mill-pajjiż indikat.

It-Taqsima 20 tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-liċenzji għandhom juru waħda mill-annotazzjonijiet elenkati fl-Anness I.

2. L-oriġinal taċ-ċertifikat tal-awtentiċità, imħejji f'konformità mal-Artikolu 4, flimkien ma' kopja tiegħu, għandhom ikunu ppreżentati lill-awtorità kompetenti flimkien mal-applikazzjoni għall-ewwel liċenzja tal-importazzjoni li tirrigwarda ċ-ċertifikat tal-awtentiċità.

Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità jistgħu jintużaw għall-ħruġ ta' aktar minn liċenzja waħda tal-importazzjoni għal kwantitajiet li ma jaqbżux dawk murija fiċ-ċertifikat. Fejn tinħareġ aktar minn liċenzja waħda fir-rigward ta' ċertifikat, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tapprova ċ-ċertifikat tal-awtentiċità biex turi l-kwantità allokata;

(b) tiżgura li l-liċenzji tal-importazzjoni maħruġa fir-rigward ta' dak iċ-ċertifikat jinħarġu fl-istess jum.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħorġu l-liċenzji tal-importazzjoni biss wara li jkunu sodisfatti li l-informazzjoni kollha fiċ-ċertifikat tal-awtentiċità tkun tikkorrispondi ma' dik li tasal ta' kull ġimgħa mill-Kummissjoni għall-importazzjonijiet konċernati. Il-liċenzji għandhom jinħarġu immedjatament wara dan.

Artikolu 4

1. L-applikazzjonijiet kollha għal-liċenzji tal-importazzjoni skont il-kwoti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tal-awtentiċità maħruġ mill-awtoritajiet tal-pajjiż tal-esportazzjoni elenkat fl-Anness II għal dan ir-Regolament li jixhed li l-oġġetti joriġinaw f'dak il-pajjiż u li jikkorrispondu mad-definizzjoni mogħtija, skont il-każ, fl-Anness III għall-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kroazja, l-Anness III għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Anness II għall-Ftehim Interim mal-Montenegro, l-Anness II għall-Ftehim Interim mal-Bosnja-Ħerżegovina jew l-Anness II għall-Ftehim Interim mas-Serbja.

2. Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità għandhom jinħarġu f'oriġinal wieħed u żewġ kopji, li għandhom ikunu stampati u mimlija b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, f'konformità mal-mudell rilevanti fl-Annessi III sa VII għall-pajjiżi tal-esportazzjoni konċernati. Jistgħu wkoll ikunu stampati u mimlija fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż li qed jesporta.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn titressaq l-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni jistgħu jesiġu li tkun ipprovduta traduzzjoni taċ-ċertifikat.

3. L-oriġinal u l-kopji taċ-ċertifikat tal-awtentiċità jistgħu jkunu ttajpjati jew miktuba bl-id. Fil-każ tal-aħħar, għandhom jinkitbu b'linka sewda u b'ittri kbar.

Il-forom taċ-ċertifikati għandu jkollhom qisien ta' 210 x 297 mm. Il-karta li tintuża ma għandhiex tiżen anqas minn 40 g/m^2. L-oriġinal għandu jkun abjad, l-ewwel kopja roża u t-tieni kopja safra.

▼B

4. Kull ċertifikat għandu jkollu numru tas-serje tiegħu individwali segwit bl-isem tal-pajjiż li qed joħorġu.

Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru tas-serje u l-istess isem bħall-oriġinal.

5. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu validi biss jekk ikunu approvati minn awtorità tal-ħruġ elenkata fl-Anness II.

6. Iċ-ċertifikati għandhom jitqiesu bħala approvati jekk ikun hemm fuqhom id-data u l-post tal-ħruġ u jekk ikollhom it-timbru tal-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew tal-persuni li għandhom is-setgħa li jiffirmawhom.

Artikolu 5

1. L-awtoritajiet tal-ħruġ elenkati fl-Anness II għandhom:

(a) ikunu rikonoxxuti bħala tali mill-pajjiż tal-esportazzjoni konċernat;

(b) jintrabtu li jivverifikaw il-partikolaritajiet li jidhru fuq iċ-ċertifikati;

(c) jintrabtu li jgħaddu lill-Kummissjoni tal-anqas darba kull ġimgħa kwalunkwe informazzjoni li permezz tagħha l-annotazzjonijiet fuq iċ-ċertifikati tal-awtentiċità jistgħu jkunu vverifikati, partikolarment f'dak li jirigwardja n-numru taċ-ċertifikat, l-esportatur, id-destinatarju, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-prodott (annimali ħajjin/laħam), il-piż nett u d-data tal-firma.

2. Il-lista fl-Anness II għandha tkun eżaminata mill-Kummissjoni meta ma jibqax jintlaħaq ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1(a), meta awtorità tal-ħruġ tonqos milli tissodisfa wieħed jew aktar mill-obbligi imposti fuqha jew meta tinħatar awtorità ġdida tal-ħruġ.

Artikolu 6

Iċ-ċertifikati tal-awtentiċità u l-liċenzji tal-importazzjoni għandhom ikunu validi għal tliet xhur mid-dati tal-ħruġ rispettivi tagħhom.

Artikolu 7

Il-pajjiż tal-esportazzjoni konċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni kampjuni tat-timbri wżati mill-awtoritajiet tal-ħruġ tagħhom u l-ismijiet u l-firem tal-persuni awtorizzati li jiffirmaw iċ-ċertifikati tal-awtentiċità. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Artikolu 8

1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar tas-sena ta' wara, il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi dikjarazzjonijiet nulli, li għalihom ikunu nħarġu liċenzji tal-importazzjoni fil-perjodu preċedenti tal-kwota tariffarja;

(b) sa mhux aktar tard mit-30 ta' April tas-sena ta' wara, il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi dikjarazzjonijiet nulli, koperti b'liċenzji tal-importazzjoni li ma ntużawx jew li ntużaw parzjalment u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu.

▼B

2. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' April tas-sena ta' wara, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' prodotti, li effettivament ikunu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħiesla matul il-perjodu preċedenti tal-kwota tariffarja.

3. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru kif indikat fl-Annessi VIII, IX u X għal dan ir-Regolament, u għandhom jintużaw il-kategoriji ta' prodotti indikati fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

L-annotazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)

— *bil-Bulgaru:*	“Baby beef” (Регламент (ЕС) № 1255/2010)
— *bl-Ispanjol:*	“Baby beef” (Reglamento (UE) nº 1255/2010)
— *biċ-Ċek:*	“Baby beef” (Nařízení (EU) č. 1255/2010)
— *bid-Daniż:*	“Baby beef” (Forordning (EU) nr. 1255/2010)
— *bil-Ġermaniż:*	“Baby beef” (Verordnung (EU) Nr. 1255/2010)
— *bl-Estonjan:*	“Baby beef” (Määrus (EL) nr 1255/2010)
— *bil-Grieg:*	“Baby beef” (Κανονισμός (ΕΕ) αριθ 1255/2010)
— *bl-Ingliż:*	“Baby beef” (Regulation (EU) No 1255/2010)
— *bil-Franċiż:*	“Baby beef” (Règlement (UE) nº 1255/2010)
— *bit-Taljan:*	“Baby beef” (Regolamento (UE) n. 1255/2010)
— *bil-Latvjan:*	“Baby beef” (Regula (ES) Nr. 1255/2010)
— *bil-Litwan:*	“Baby beef” (Reglamentas (ES) Nr. 1255/2010)
— *bl-Ungeriż:*	“Baby beef” (1255/2010/EU rendelet)
— *bil-Malti:*	“Baby beef” (Regolament (UE) Nru 1255/2010)
— *bl-Olandiż:*	“Baby beef” (Verordening (EU) nr 1255/2010)
— *bil-Pollakk:*	“Baby beef” (Rozporządzenie (UE) nr 1255/2010)
— *bil-Portugiż:*	“Baby beef” (Regulamento (UE) nº 1255/2010)
— *bir-Rumen:*	“Baby beef” (Regulamentul (UE) nr. 1255/2010)
— *bis-Slovakk:*	“Baby beef” (Nariadenie (EU) č. 1255/2010)
— *bis-Sloven:*	“Baby beef” (Uredba (EU) št. 1255/2010)
— *bil-Finlandiż:*	“Baby beef” (Asetus (EU) N:o 1255/2010)
— *bl-Isvediż:*	“Baby beef” (Förordning (EU) nr 1255/2010)

▼B

ANNESS II

Awtorità tal-ħruġ:

— Ir-Repubblika tal-Kroazja: Croatian Agricultural Agency, Poljana Križevačka 185, 48260 Križevci, Croatia.

— Il-Bosnja-Ħerżegovina:

— Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: Univerzitet Sv. Kiril I Metodij, Institut za hrana, Fakultet za veterinarna medicina, "Lazar Pop-Trajkov 5-7", 1000 Skopje

— Is-Serbja: "YU Institute for Meat Hygiene and Technology, Kacanskog 13, Belgrade, Serbja."

— Il-Montenegro: Veterinary Directorate, Bulevar Svetog Petra Cetinjskog br.9, 81000 Podgorica, Montenegro.

▼M1

— Kosovo ([1])

([1]) Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.

▼B

ANNESS III

<table>
<tr><td>1. Min jikkonsenja (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT Nru 0000
ORIĠINAL
Il-Kroazja</td></tr>
<tr><td>2. Destinatarju (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ
għall-esportazzjoni lejn l-UE ta' annimali bovini u tal-laħam tal-annimali bovini
[applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010]</td></tr>
<tr><td colspan="5">NOTI
A. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun magħmul minn oriġinal u żewġ kopji.
B. L-oriġinal u ż-żewġ kopji tiegħu għandhom ikunu ttajpjati jew miktuba bl-id. Fil-każ tal-aħħar, għandhom jinkitbu b'linka sewda u b'ittri kbar.</td></tr>
<tr><td>3. Marki, numri, numri u natura tal-pakketti jew tal-irjus ta' bovini; deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td>4. Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda</td><td>5. Piż gross (kg)</td><td colspan="2">6. Piż nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="5">7. Piż nett (kg) (fi kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="5">8. Jiena, hawn taħt iffirmat ....., filwaqt li naġixxi f'isem il-korp tal-ħruġ awtorizzat (kaxxa 9) niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq għaddew minn spezzjoni tas-saħħa fi ....., f'konformità maċ-ċertifikat veterinarju mehmuż ta' ....., joriġinaw fi u ġejjin mir-Repubblika tal-Kroazja u jikkorrispondu eżatt mad-definizzjoni li tinsab fl-Anness III għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif jidher fid-Deċiżjoni 2005/40/KE, Euratom (ĠU L 26, 28.1.2005, p. 1).</td></tr>
<tr><td rowspan="2">9. Korp awtorizzat tal-ħruġ</td><td colspan="2">Post:</td><td colspan="2">Data:</td></tr>
<tr><td>(Timbru tal-korp tal-ħruġ)</td><td colspan="2">.....
(Firma)</td></tr>
</table>

▼B

ANNESS IV

<table>
<tr><td>1. Min jikkonsenja (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT Nru 0000

ORIĠINAL

Bosnja-Ħerżegovina</td></tr>
<tr><td>2. Destinatarju (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ

għall-esportazzjoni lill-UE ta' annimali bovini u tal-laħam tal-annimali bovini

[applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010]</td></tr>
<tr><td colspan="5">NOTI

A. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun magħmul minn oriġinal u żewġ kopji.

B. L-oriġinal u ż-żewġ kopji tiegħu għandhom ikunu ttajpjati jew miktuba bl-id. Fil-każ tal-aħħar, għandhom jinkitbu b'linka sewda u b'ittri kbar.</td></tr>
<tr><td>3. Marki, numri, numri u natura tal-pakketti jew tal-irjus ta' bovini; deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td>4. Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda</td><td>5. Piż gross (kg)</td><td colspan="2">6. Piż nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="5">7. Piż nett (kg) (fi kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="5">8. Jiena, hawn taħt iffirmat ....., filwaqt li naġixxi f'isem il-korp tal-ħruġ awtorizzat (kaxxa 9) niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq għaddew minn spezzjoni tas-saħħa fi ....., f'konformità maċ-ċertifikat veterinarju mehmuż ta' ....., joriġinaw fi u ġejjin mir-Repubblika tal-Bosnja-Ħerzegovina u jikkorrispondu eżatt mad-definizzjoni li tinsab fl-Anness II għall-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u r-Repubblika tal-Bosnja-Ħerzegovina min-naħa l-oħra kif jidher fid-Deċiżjoni 2008/474/KE (ĠU L 169, 30.6.2008, p. 10).</td></tr>
<tr><td rowspan="2">9. Korp awtorizzat tal-ħruġ</td><td colspan="2">Post:</td><td colspan="2">Data:</td></tr>
<tr><td colspan="2">(Timbru tal-korp tal-ħruġ)</td><td colspan="2">.....
(Firma)</td></tr>
</table>

▼B

ANNESS V

<table>
<tr><td>1. Min jikkonsenja (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT Nru 0000

ORIĠINAL

dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja</td></tr>
<tr><td>2. Destinatarju (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ

għall-esportazzjoni lill-UE ta' annimali bovini u tal-laħam tal-annimali bovini

[applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010]</td></tr>
<tr><td colspan="5">NOTI

A. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun magħmul minn oriġinal u żewġ kopji.

B. L-oriġinal u ż-żewġ kopji tiegħu għandhom ikunu ttajpjati jew miktuba bl-id. Fil-każ tal-aħħar, għandhom jinkitbu b'linka sewda u b'ittri kbar.</td></tr>
<tr><td>3. Marki, numri, numri u natura tal-pakketti jew tal-irjus ta' bovini; deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td>4. Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda</td><td>5. Piż gross (kg)</td><td colspan="2">6. Piż nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="5">7. Piż nett (kg) (fi kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="5">8. Jiena, hawn taħt iffirmat ....., filwaqt li naġixxi f'isem il-korp tal-ħruġ awtorizzat (kaxxa 9) niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq għaddew minn spezzjoni tas-saħħa fi ....., f'konformità maċ-ċertifikat veterinarju mehmuż ta' ....., joriġinaw fi u ġejjin minn dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u jikkorrispondu eżatt mad-definizzjoni li tinsab fl-Anness III għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif jidher fid-Deċiżjoni 2004/239/KE, Euratom (ĠU L 84, 20.3.2004, p. 1).</td></tr>
<tr><td rowspan="2">9. Korp awtorizzat tal-ħruġ</td><td colspan="2">Post:</td><td colspan="2">Data:</td></tr>
<tr><td colspan="2">(Timbru tal-korp tal-ħruġ)</td><td colspan="2">.....
(Firma)</td></tr>
</table>

▼B

ANNESS VI

<table>
<tr><td>1. Min jikkonsenja (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT Nru 0000

ORIĠINAL

is-Serbja</td></tr>
<tr><td>2. Destinatarju (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ

għall-esportazzjoni lill-UE ta' annimali bovini u tal-laħam tal-annimali bovini

[applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010]</td></tr>
<tr><td colspan="5">NOTI

A. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun magħmul minn oriġinal u żewġ kopji.

B. L-oriġinal u ż-żewġ kopji tiegħu għandhom ikunu ttajpjati jew miktuba bl-id. Fil-każ tal-aħħar, għandhom jinkitbu b'linka sewda u b'ittri kbar.</td></tr>
<tr><td>3. Marki, numri, numri u natura tal-pakketti jew tal-irjus ta' bovini; deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td>4. Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda</td><td>5. Piż gross (kg)</td><td colspan="2">6. Piż nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="5">7. Piż nett (kg) (fi kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="5">8. Jiena, hawn taħt iffirmat ....., filwaqt li naġixxi f'isem il-korp tal-ħruġ awtorizzat (kaxxa 9) niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq għaddew minn spezzjoni tas-saħħa fi ....., f'konformità maċ-ċertifikat veterinarju mehmuż ta' ....., joriġinaw fi u ġejjin mis-Serbja u jikkorrispondu eżatt mad-definizzjoni li tinsab fl-Anness II għall-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa, u s-Serbja min-naħa l-oħra kif jidher fid-Deċiżjoni 2010/36/KE (ĠU L 28, 30.1.2010, p. 1).</td></tr>
<tr><td rowspan="2">9. Korp awtorizzat tal-ħruġ</td><td colspan="2">Post:</td><td colspan="2">Data:</td></tr>
<tr><td colspan="2">(Timbru tal-korp tal-ħruġ)</td><td colspan="2">.....
(Firma)</td></tr>
</table>

▼B

ANNESS VII

<table>
<tr><td>1. Min jikkonsenja (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT Nru 0000

ORIĠINAL

Il-Montenegro</td></tr>
<tr><td>2. Destinatarju (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ

għall-esportazzjoni lill-UE ta' annimali bovini u tal-laħam tal-annimali bovini

[applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010]</td></tr>
<tr><td colspan="5">NOTI

A. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun magħmul minn oriġinal u żewġ kopji..

B. L-oriġinal u ż-żewġ kopji tiegħu għandhom ikunu ttajpjati jew miktuba bl-id. Fil-każ tal-aħħar, għandhom jinkitbu b'linka sewda u b'ittri kbar.</td></tr>
<tr><td>3. Marki, numri, numri u natura tal-pakketti jew tal-irjus ta' bovini; deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td>4. Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda</td><td>5. Piż gross (kg)</td><td colspan="2">6. Piż nett (kg)</td></tr>
<tr><td colspan="5">7. Piż nett (kg) (fi kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="5">8. Jiena, hawn taħt iffirrmat ....., filwaqt li naġixxi f'isem il-korp tal-ħruġ awtorizzat (kaxxa 9) niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq għaddew minn spezzjoni tas-saħħa fi t ....., f'konformità maċ-ċertifikat veterinarju mehmuż ta' f ....., joriġinaw fi u ġejjin mill-Montenegro u jikkorrispondu eżatt mad-definizzjoni li tinsab fl-Anness II għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni kif jidher fid-Deċiżjoni 2010/224/UE, Euratom (ĠU L 108, 29.4.2010, p. 1).</td></tr>
<tr><td rowspan="2">9. Korp awtorizzat tal-ħruġ</td><td colspan="2">Post:</td><td colspan="2">Data</td></tr>
<tr><td>

(Timbru tal-korp tal-ħruġ)</td><td colspan="2">.....
(Firma)</td></tr>
</table>

▼M1

ANNESS VIIa

<table>
<tr><td>1. Min jikkonsenja(isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT Nru 0000
ORIĠINALI
Il-Kosovo (*)</td></tr>
<tr><td>2. Destinatarju (isem sħiħ u indirizz)</td><td colspan="4">ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ
għall-esportazzjonijiet għall-UE ta' annimali bovini u l-laħam ta' annimali bovini
[applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010]</td></tr>
<tr><td colspan="5">NOTI
A. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun ippreparat f'kopja oriġinali waħda u żewġ kopji.
B. L-oriġinali u ż-żewġ kopji tagħha għandhom ikunu ttajpjati jew kompluti bl-idejn. Fl-aħħar każ, għandhom jimtlew b'linka sewda u b'ittri kbar.</td></tr>
<tr><td>3. Marki, numri, għadd u natura tal-pakketti jew irjus ta' bovini; deskrizzjoni tal-oġġetti</td><td>4. Il-kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda</td><td>5. Il-piż gross (kg)</td><td>6. Il-piż nett (kg)</td><td></td></tr>
<tr><td colspan="5">7. Il-piż nett (kg) (fi kliem)</td></tr>
<tr><td colspan="5">8. Jien, hawn taħt iffirmat..... li qed naġixxi f'isem il-korp ta' ħruġ awtorizzat (kaxxa 9) niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew suġġetti għal spezzjoni tas-saħħa f' ....., skont iċ-ċertifikat veterinarju mehmuż ta'..... , li joriġinaw u ġejjin mill-Kosovo (*) u jikkorrispondu eżatt mad-definizzjoni li tinsab fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1215/2009, kif emendat.</td></tr>
<tr><td rowspan="2">9. Korp ta' ħruġ awtorizzat</td><td colspan="4">Post: Data:</td></tr>
<tr><td colspan="2">(Timbru tal-korp ta' ħruġ)</td><td colspan="2">.....
(firma)</td></tr>
<tr><td colspan="5">(*) Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo."</td></tr>
</table>

▼B

ANNESS VIII

Notifika dwar il-liċenzji tal-importazzjoni (maħruġa) – Ir-Regolament (UE) Nru 1255/2010

Stat Membru: ....

Applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010

Il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom ikunu nħarġu liċenzji tal-importazzjoni

Jibda minn: ..... sa: .....

Nru tal-Ordni	Kategorija jew kategoriji ta' prodotti (1)	Kwantità (kilogrammi ta' piż tal-prodotti jew irjus)
09.4503		
09.4504		
09.4505		
09.4198		
09.4199		
▼M1		
09.4200		

▼B

(1) Kategorija jew kategoriji tal-prodott kif indikat fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

▼B

ANNESS IX

Notifika dwar il-liċenzji tal-importazzjoni (kwantitajiet li ġewx utlizzati) – Ir-Regolament (UE) Nru 1255/2010

Stat Membru: ....

Applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010

Il-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom il-liċenzji tal-importazzjoni ma jkunux ġew utilizzati

Jibda minn: ..... sa: .....

Nru tal-Ordni	Kategorija jew kategoriji ta' prodotti (1)	Il-kwantità mhux utilizzata (kilogrammi ta' piż tal-prodotti jew irjus)
09.4503		
09.4504		
09.4505		
09.4198		
09.4199		
▼M1		
09.4200		

▼B

(1) Kategorija jew kategoriji tal-prodott kif indikat fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

▼B

ANNESS X

Notifika dwar il-kwantitajiet li tqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa – Ir-Regolament (UE) Nru 1255/2010

Stat Membru: ....

Applikazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010

Kwantitajiet ta' prodotti mqiegħda f'ċirkolazzjoni ħielsa:

Jibda minn: ..... sa: ..... (perjodu tal-kwota tariffarja tal-importazzjoni).

Nru tal-Ordni	Kategorija jew kategoriji ta' prodotti ([1])	Il-kwantitajiet ta' prodotti li tqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa: (kilogrammi ta' piż tal-prodotti jew irjus)
09.4503		
09.4504		
09.4505		
09.4198		
09.4199		
▼M1		
09.4200		

▼B

([1]) Kategorija jew kategoriji tal-prodott kif indikat fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 382/2008.